Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija

[Spettur Ian Joseph Abdilla]

[Spettur Jason Francis Sultana]

vs

Wayne Falzon

Kumpilazzjoni Numru: 638/12

Illum, 1 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Wayne Falzon detentur tal-karta tal-identita` numru 387585M akkuzat talli fit-18 ta' Gunju 2012, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika xi biljetti tal-flus u/jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta' EURO, meta kien jaf li kienu falsifikati;
2. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta' EURO falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, iffalsifika sigilli, timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw jew jimmarkaw, fl-isem tal-Gvern jew ta' l-awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti ta' propjeta' pubblika jew li jkunu qeghdn taht

il-kustodja pubblika jew xjentement ghamel uzu minn dawn is-sigilli, timbri jew marki, ukoll jekk dan sar bl-uzu falz tal-ghodda vera;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon;
5. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi gewwa 129, Triq Salvu Psaila, Birkirkara zamm kelb ta' eta akbar minn sitt xhur minghajr licenzja tal-pulizija;
6. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi, zamm u gar strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija;
7. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat storbju u glied; u
8. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet, u cirkustanzi qal kliem u dagha fil-pubbliku.

U b'hekk, l-imputat Wayne FALZON, sar recidiev ai termi ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 (Kodici Kriminali) tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta

diversement preseduti, liema sentenzi saret definittivi u ma jistghax jigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jenhtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50(3) tal-Kapitlu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli ndikati u cioe' l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u Artikolu 45 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u Artikolu 46 tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 18, 172 u 176 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta, 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 50(3) tal-Kap. 204 tal-Ligijiet ta' Malta u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni tal-akkuzi kollha kif dedotti u stante li llum il-gurnata l-imputat irriforma ruhu kompletament, il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Wayne Falzon taht

ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sentejn (2) mil-lum, liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**